Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Ġunju 2015**
**(OR. en)**

**10082/15**

**PUBLIC 44**
**INF 114**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - JANNAR 2015 |

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Jannar 2015.[1] [2]

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli għall-vot, ir-riżultati tal-vot u, fejn adatt, l-ispjegazzjonijiet tal-vot u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

[2] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill fejn ikun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jippubblika.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill:
Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill (atti) - Consilium

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill taħt: Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit elettroniku tal-Kunsill: Minuti tal-Kunsill - Consilium

| INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'JANNAR 2015 | |
|---|---|
| **It-3364 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN) li saret fi Brussell fid-19 ta' Jannar 2015** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar RDK/FDLR | 5076/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tuneżija | 5210/1/15 REV 1 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/77 tad-19 ta' Jannar 2015 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Ħerzegovina<br>ĠU L 13, 20.1.2015, p. 7-7 | 16780/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/76 tad-19 ta' Jannar 2015 li tvara l-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali) u li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK<br>ĠU L 13, 20.1.2015, p. 5-6 | 16413/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/78 tad-19 ta' Jannar 2015 dwar Missjoni Konsultattiva Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUMAM RCA)<br>ĠU L 13, 20.1.2015, p. 8-12 | 5024/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika Ċentru-Afrikana għal ftehim dwar l-istatus tal-Missjoni Konsultattiva Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana | 5127/15 |

| **Proċeduri bil-miktub li ġew konklużi fid-19 ta' Jannar 2015** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2015/104 tad-19 ta' Jannar 2015 li jiffissa għall-2015 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta’ ħut u gruppi ta’ stokkijiet ta’ ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f’ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 43/2014 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 779/2014<br>ĠU L 22, 28.1.2015, p. 1-163 | 17058/15 |
| **Dikjarazzjonijiet Konġunti mill-Kunsill u l-Kummissjoni**<br><u>Lingwata f’VIIIab (Bajja ta’ Biscay)</u><br>B'referenza għad-dikjarazzjoni li saret fl-2013 mill-Kunsill "Rigward il-lingwata fil-Bajja ta' Biscay", il-Kummissjoni u l-Kunsill iqisu li tiġdid tat-TAC tal-2014 huwa konformi mal-istrateġija tas-sajd proposta mill-partijiet ikkonċernati.<br>F'dan ir-rigward, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru li s-salvagwardji inklużi fl-istrateġija tas-sajd għal dan l-istokk ibbażata fuq TAC kostanti, kif propost mill-partijiet ikkonċernati, ser jidħlu fis-seħħ mill-2016 'il quddiem jekk sa dak iż-żmien jkunu ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet inklużi fl-approċċ tas-sajd, bħaż-żieda ripetuta fil-mortalità mis-sajd.<br><br><u>Raja undulata fi VIa, VIb, VIIa-c, VIIe-k; VIId; VIII u IX</u><br>Il-Kunsill u l-Kummissjoni jinnotaw li l-Istati Membri pproponew miżuri biex tiġi żgurata l-ġestjoni sostenibbli ta' popolazzjonijiet lokali ta' raja undulata, abbażi ta' studji xjentifiċi u l-kooperazzjoni tal-industrija tas-sajd. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li miżuri bħal dawn jistgħu jiġġustifikaw sajd b'qabdiet inċidentali limitat, dment li jkunu soġġetti għal rieżami xjentifiku u li miżuri tekniċi nazzjonali adatti u xjentifikament b'saħħithom tal-Istati Membri kollha li qed jaqbdu din l-ispeċi jakkumpanjaw sajd bħal dan. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar fir-riskju li TAC inċidentali jista' jirriżulta f'li jiġu eżawsti malajr l-opportunitajiet tas-sajd fl-attivitajiet tas-sajd għall-qbid ta' din l-ispeċi fil-futur qarib.<br>Jekk il-parir tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), li jinsab għaddej bħalissa, huwa pożittiv u hemm fis-seħħ miżuri tekniċi nazzjonali xierqa, il-Kummissjoni ser tikkunsidra malajr kemm jista' jkun li tipproponi kull emenda adatta għar-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd. | |

Rebekkini u Raj
Il-Kunsill u l-Kummissjoni jirrikonoxxu l-proposta tal-Istati Membri li jintuża metodu ta' kalkolu differenti għat-TACs tar-rebekkini u r-raj.
Wara rieżami xjentifiku mis-STECF, il-Kummissjoni ser tivvaluta malajr kemm jista' jkun abbażi ta' dan jekk huwiex prekawzjonarju biżżejjed li tiġi applikata din il-metodoloġija fil-proposta tagħha għall-opportunitajiet tas-sajd għall-2016.
Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jeħtieġ li l-qabdiet taħt dawn it-TACs jiġu ssorveljati bir-reqqa. Dan jitlob li l-awtoritajiet tal-Istati Membri kollha involuti f'dan is-sajd jiżguraw li s-sajjieda jkollhom l-aħjar għarfien possibbli biex jidentifikaw u jirreġistraw tajjeb l-ispeċi differenti ta' rebekkini u raj maqbuda, u li l-ispeċi differenti jiġu identifikati tajjeb minn korpi tal-bejgħ u l-awtoritajiet ta' kontroll malli l-qabdiet jinħattu.

Merluzz - l-isforz tas-sajd
"Fid-dawl tal-fatt li jeħtieġ li jintlaħaq qbil għall-introduzzjoni ta' regolamenti dwar l-opportunitajiet tas-sajd fl-1 ta' Jannar 2015, il-Kummissjoni ma topponix li l-pjan emendat dwar il-merluzz jiġi segwit meta jiġu ffissati t-TACs u l-limiti tal-isforzi għall-merluzz għas-sena d-dieħla, iżda tfakkar fid-dikjarazzjoni tagħha magħmula fil-Coreper fil-11 ta' Novembru u fil-Kunsill fit-18 u d-19 ta' Diċembru 2012 segwita mit-tnedija ta' azzjoni għall-annullament tar-regolament emendatorju."

**Dikjarazzjonijiet Konġunti mill-Kunsill u l-Kummissjoni**
Aringi fi VIIbc u VIa fin-Nofsinhar
Fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kunsill li t-TAC għal dan l-istokk jkun ta' 0, fuq parir xjentifiku, il-Kummissjoni ser tevalwa dan it-TAC, jekk il-valutazzjoni komparattiva tal-aringi mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) tibdel il-valutazzjoni xjentifika sostanzjalment. F'dan il-każ, il-Kummissjoni ser tikkunsidra jekk huwiex adegwat li tipproponi, malajr kemm jista' jkun wara t-tlestija tal-eżerċizzju tal-valutazzjoni komparattiva, emenda tat-TAC tal-2015.

Lingwata fi IIIa (Skagerrak/Kattegat)
Il-Kummissjoni u l-Kunsill jinnotaw li l-ICES, fil-parir tiegħu għal-lingwata fit-Taqsima IIIa u s-Sottotaqsimiet 22-24 għall-2014, iddikjara li l-valutazzjoni ma qisitx tnaqqis possibbli fil-qabda għal kull unità ta' sforz (CPUE) fil-lingwata li jirriżulta mill-użu ta' xibka tat-tkarkir SELTRA, li ilha tintuża fiż-żona fis-snin reċenti. F'Diċembru tal-2014, il-Kummissjoni talbet lis-STECF jikkwantifika dan it-tnaqqis f'CPUE jekk possibbli, jew inkella jagħti l-ġudizzju espert tiegħu dwar it-tnaqqis probabbli f'CPUE. Hija talbet ukoll lill-ICES biex, sa nofs Frar 2015, jerġa' jivvaluta l-istokk ibbażat fuq it-tnaqqis preżunt f'CPUE, u jipprovdi t-TAC korrispondenti tal-2015 abbażi tal-approċċ tal-MSY tal-ICES Jekk fit-tweġiba tiegħu is-STECF joħroġ parir rivedut dwar it-TAC, il-Kummissjoni timpenja ruħha li tikkunsidra kull emenda adegwati għat-TAC tal-lingwata kif meħtieġ bħala parti mill-proposta dwar l-ewwel emenda tar-regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd mistenni f'Marzu 2015.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni u l-Belġju**
Il-Kummissjoni tinnota l-impenn tal-Belġju biex idaħħal fis-seħħ miżuri tekniċi biex tiżdied is-selettività tal-bastimenti tiegħu li jaqbdu l-lingwata fiż-żoni VIIa, VIIf u VIIg u bil-għan li jnaqqsu mingħajr dewmien il-pressjoni tas-sajd fuq dan l-istokk.

Il-Belġju jimpenja ruħu b'mod partikolari li jżid id-daqs tal-malja minn 80mm għal 120mm għal taqsima ta' 3 metri tal-biċċa tawwalija mill-manka lejn it-travu fl-ixbieki tat-tkarkir bi travu kollha li jimmiraw għal-lingwata fi VIIa, VIIf u VIIg, mhux aktar tard mill-1 ta' April 2015. Il-Belġju jimpenja ruħu li jimplimenta din il-miżura fil-flotta tiegħu li taqbad il-lingwata fi VIIa, VIIf u VIIg mhux aktar tard mill-1 ta' April 2015.

Wara rieżami tas-STECF ta' dawn il-miżuri, jekk is-STECF jagħti parir li mhumiex biżżejjed biex titnaqqas il-mortalità mis-sajd ta' dan l-istokk għal-livell ta' MSY u jekk jiġi ssuġġerit tnaqqis addizzjonali fil-mortalità mis-sajd, il-Kummissjoni timpenja ruħha li tikkunsidra emendi adatti għat-TAC malajr kemm jista' jkun fl-2015.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni, Franza u l-Belġju**
<u>Lingwata fi VIId (Kanal tal-Lvant)</u>

Il-Kummissjoni tinnota l-impenn ta' Franza u l-Belġju li jdaħħlu fis-seħħ miżuri tekniċi bil-għanli jnaqqsu mingħajr dewmien il-pressjoni tas-sajd fuq l-istokk tal-lingwata fi VIId.

Franza timpenja ruħha li mill-1 ta' Jannar 2015 timplimenta serje ta' miżuri ta' ġestjoni nazzjonali: (i) tagħmel il-bastimenti tas-sajd Franċiżi li jaqbdu aktar minn 300 kg ta' lingwata kull sena soġġetti għal liċenzja tas-sajd speċifika għal-lingwata fi VIId, (ii) tnaqqas b'10% in-numru ta' jiem ammissibbli fuq il-baħar għal dawk il-bastimenti Franċiżi li jużaw parit xkitt u xbieki tat-tkarkir bi travu, (iii) tistabbilixxi tul nett globali massimu ta' kilometru għal kull metru ta' tul tal-bastiment għall-bastimenti li jużaw parit xkitt, (iv) tgħammar il-bastimenti tas-sajd Franċiżi kollha bil-liċenzja li jistgħu jaqbdu l-lingwata f'VIId b'Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMS), (v) timplimenta partijiet magħluqa tas-sajd permanenti f'erba' żoni ta' tkabbir tal-lingwata f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Politika Komuni tas-Sajd rigward it-twaqqif ta' Żoni ta' Rkupru tas-Sajd, fosthom fil-bajjiet ta' Veys, Seine, Somme u Canche fejn iż-żgħar tal-lingwata huma abbundanti u (vi) ixxejjen l-isforz li sar s'issa f'dawn iż-żoni ta' tkabbir sabiex jiġi evitat l-ispostament tagħha f'żoni li jmissu magħha.

Il-Belġju jimpenja ruħu li jżid id-daqs tal-malja minn 80mm għal 120mm għal taqsima ta' 3 metri tal-biċċa tawwalija mill-manka lejn it-travu fl-ixbieki tat-tkarkir bi travu kollha li jimmiraw għal-lingwata fi VIId, mhux aktar tard mill-1 ta' April 2015. Il-Belġju jimpenja ruħu wkoll għall-miżuri li qablet magħhom Franza skont il-punt (v), fosthom il-partijiet magħluqa tas-sajd permanenti.

Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tippreżenta l-miżuri ppreżentati minn Franza u l-Belġju għal rieżami xjentifiku mis-STECF malajr kemm jista' jkun. Jekk is-STECF jagħti l-parir li huwa meħtieġ tnaqqis addizzjonali fil-mortalità mis-sajd biex jintlaħaq il-livell ta' MSY, Franza, il-Belġju u l-Kummissjoni jaqblu li dan ser jinkiseb billi jiġu implimentati miżuri ta' ġestjoni addizzjonali matul l-2015, dment li s-STECF jagħti l-parir li miżuri addizzjonali bħal dawn huma biżżejjed biex titnaqqas il-mortalita mis-sajd biex jintlaħaq il-livell ta' MSY, jew billi jiġi rivedut il-livell tat-TAC matul l-2016 l-aktar tard, kif adegwat. F'dan il-każ, il-Kummissjoni timpenja ruħha li tipproponi livell ta' TAC li jikkunsidra b'mod sħiħ il-parir tas-STECF.

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni**

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jinnotaw li r-regolamenti dwar l-opportunitajiet ta' sajd jinkludu għadd ta' TACs għal stokkijiet li dwarhom hemm informazzjoni limitata dwar l-istat tal-istokkijiet u li huma ta' importanza ekonomika baxxa, jew li jitqiesu biss bħala qabdiet aċċidentali, jew li juru livelli baxxi ta' utilizzazzjoni tal-kwoti.

F'dak ir-rigward, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru fid-dikjarazzjonijiet tagħhom dwar stokkijiet bħal dawn li saret fl-2014 u jinnotaw li l-perċezzjoni tal-istat ta' kwalunkwe wieħed minn dawn l-istokkijiet ma nbidlitx b'mod sinifikanti matul l-2014. Għaldaqstant il-Kunsill u l-Kummissjoni jkomplu jqisu li huwa adatt li l-qabdiet jiġu limitati għal jew jinżammu taħt il-livelli tat-TAC stabbiliti għall-2014. Għal dan il-għan, mingħajr ħsara għad-dritt ta' inizzjattiva tal-Kummissjoni u l-prerogattivi tal-Kunsill fl-Artikolu 293(1) TFUE, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu li jidher li f'dan l-istadju huwa mixtieq li l-livell tat-TAC tal-2014 għall-istokkijiet imsemmijin hawn taħt jinżamm għat-tliet snin li ġejjin.

Madankollu, il-Kummissjoni ser tkompli taħdem mal-Istati Membri u l-korpi xjentifiċi rilevanti sabiex tittejjeb l-informazzjoni xjentifika dwar dawn l-istokkijiet. Jekk il-perċezzjoni tal-istat ta' kwalunkwe wieħed minn dawn l-istokkijiet tinbidel b'mod sinifikanti matul dan il-perijodu, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li dan għandu jiġi kkunsidrat biex jiġu stabbiliti l-livelli tat-TAC għall-2016 u l-2017, kif adatt.

| **Isem komuni** | **Unità tat-TAC** |
|---|---|
| Linarda | ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali II u IV |
| Linarda | ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' III |
| Merluzz | VIb (is-sotto-unità Rockall) |
| Lingwata komuni | VI, Vb, ilmijiet internazzjonali ta' XII u XIV |
| Lingwata komuni | VIIbc |
| Lingwata komuni | VIIhjk |
| Aringa | VIIef |
| Arġentina (silus) | ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' I u II |
| Arġentina (silus) | ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta’ III u IV |
| Lipp | ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' I u II |
| Lipp | IIIa |
| Lipp | ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' V |
| Barbun tat-tbajja’ | Vb (ilmijiet tal-UE), VI, XII, XIV |
| Barbun tat-tbajja’ | VIIbc |
| Barbun tat-tbajja’ | VIIhjk |
| Barbun tat-tbajja’ | VIII, IX, X u CECAF 34.1.1 |
| Pollakkju | Vb (ilmijiet tal-UE), VI, XII u XIV |
| Pollakkju | VIIIc |

| | |
|---|---|
| Pollakkju | IX, X, CECAF 34.1.1 (UE) |
| Pollakkju (saithe) | VII, VIII, IX, X, CECAF 34.1.1 (KE) |
| Lingwata | VIIIcde, IX, X, CECAF (UE) |
| Laċċa kaħla | VIIde |
| Merlangu | VIIa |
| Tusk | IIIa u UE 22-23 |
| Tusk | KE I, II, XIV |
| Tusk | ilmijiet tal-KE ta' IV |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Spnott fi IVbc, VIIa, u VIId–h (Baħar Irlandiż, Baħar Ċeltiku, Kanal Ingliż, u Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana)

Il-Kummissjoni tinnota l-parir tal-ICES li titnaqqas sostanzjalment il-mortalità mis-sajd fil-firxa kollha tal-istokk b'60% u li jitnaqqsu l-qabdiet b'70%. Minkejja l-ħidma estensiva li twettqet f'dan il-Kunsill, għadu ma kien possibbli li jintlaħaq qbil dwar l-ebda miżura adegwata. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri involuti f'dan is-sajd, għandhom jibqgħu impenjati li jagħmlu l-aħjar possibbli, sa mill-bidu tal-istaġun tas-sajd f'Jannar 2015, biex inaqqsu l-pressjoni tas-sajd, jipproteġu l-ġlejjeb u jipprevjenu kollass. Il-Kummissjoni ser tissorvelja kontinwament is-sitwazzjoni u jekk meħtieġ ser teżamina l-ħtieġa li jittieħdu miżuri skont l-Artikolu 12 tar-Regolament dwar il-PKS u/jew l-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 850/98.

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni**

Redfish tal-ilma internazzjonali fis-Subżoni I u II tal-ICES

Il-Kummissjoni nnotat it-tħassib ta' ċerti Stati Membri fir-rigward tal-kwota tar-redfish f'ilmijiet internazzjonali tal-Baħar Norveġiż għall-2015. Il-konsultazzjonijiet bejn l-Istati Kostali u Partijiet l-oħra tas-sajd ser isiru matul l-2015. Is-sajd għal dan l-istokk ser isir biss fit-tieni nofs tal-2015. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ser tistinka biex ikun hemm kwota adegwata tal-UE għar-redfish f'ilmijiet internazzjonali fis-Subżoni I u II tal-ICES.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**
Redfish fl-ibħra Norveġiżi tas-Subżoni I u II

Il-Kummissjoni nnotat talbiet mill-Istati Membri biex jiġi stabbilit sajd dirett fl-ibħra Norveġiżi tas-Subżoni I u II tal-ICES għall-2015 li l-Kummissjoni ser tikkunsidra fil-konsultazzjonijiet previsti li maħsuba li jsiru fl-2015 bejn l-UE u n-Norveġja, dwar l-interpretazzjoni tal-Iskambju ta' Ittri taż-ŻEE, li ġie ffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju 1992.
Skont xi jkun l-eżitu ta' dawn il-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni għalhekk ser tipproponi emenda adegwata tar-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd fl-2015.

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni**
Selettività tal-Baħar Ċeltiku (Merluzz & haddock fi VIIb, e-k)

Sajd passat u attwali tat-tliet stokkijiet fis-sajd imħallat fil-Baħar Ċeltiku għall-merluzz, il-merluzz tal-linja sewda u l-merlangu rriżulta f'rimi ta' ħut li għadu qed jikber, li jirrappreżenta telf potenzjali fil-produttività futura. Aktar reklutaġġ tal-merluzz u reklutaġġ reċenti tal-merluzz tal-linja sewda jżidu r-riskju ta' aktar qabdiet ta' ħut li għadu qed jikber li jirriżultaw f'mortalità mis-sajd addizzjonali.
Il-Kunsill jikkonferma l-ħtieġa li jitjiebu l-miżuri ta' selettività introdotti fir-Regolament (KE) Nru 737/2002. Il-Kummissjoni, mill-2015 'il quddiem, ser tikkunsidra miżuri bħal dawn meta tirrieżamina u temenda r-Regolament (KE) 737/2012 u ser tikkunsidra żieda fid-daqs tal-malja ta' xbieki ta' malji kwadri, pożizzjonata kif deskritta f'dan ir-regolament, għal minimu ta' 120mm. Fir-rieżami ta' dan ir-regolament, madankollu, il-Kummissjoni ser tqis li, bħala parti mimm din il-miżura ta' selettività, f'każijiet meta l-qabdiet miżmuma jkunu magħmula minn mill-inqas 55% ta' merlangu fl-ilmijiet fil-lvant ta' 8°, għandhom ikomplu japplikaw il-miżuri attwali. L-effettività tal-miżuri emendati ser tiġu evalwata qabel l-2016.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**
Flessibbiltà tal-merluzz tal-linja sewda

Il-merluzz tal-linja sewda fiż-żoni VI u IV tal-ICES ġie vvalutat bħala stokk wieħed, għalhekk il-flessibbiltà bjen dawn iż-żoni hija possibbli. Flessibbiltà bħal din tista' tkun għodda utli għall-ġestjoni ta' stokkijiet tas-sajd individwali li huma maqsumin bejn aktar minn żona ta' ġestjoni waħda, jekk jiġu sodisfatti ċerti kondizzjonijiet u l-istabbiltà relattiva ma tiġix affettwata. Il-ħtieġa li jsir pjan għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt hija rikonoxxuta f'dan il-kuntest.

| | |
|---|---|
| It-trasferiment ta' opportunitajiet tas-sajd minn IV għal VI jirrappreżenta żieda fl-opportunitajiet tas-sajd potenzjali fiż-Żona VI, filwaqt li l-istokkijiet ta' merlangu u merluzz fiż-Żona VI jibqgħu f'kondizzjoni ħażina. Wara l-valutazzjoni tas-STECF dwar jekk flessibbiltà bħal din toħloqx ir-riskju li tiżdied il-mortalità mis-sajd ta' dawn l-istokkijiet sat-tali punt li jinħoloq riskju għall-irkupru tagħhom, jekk ir-rieżami xjentifiku ma jqajjem l-ebda tħassib, il-Kummissjoni ser tikkunsidra malajr kemm jista' jkun kull emenda adegwata għall-opportunitajiet tas-sajd li jikkonċernaw flessibbiltà bħal din.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br><u>Rigward il-ġestjoni fuq perijodu twil ta' żmien tal-lingwata u l-barbun tat-tbajja' fil-Baħar tat-Tramuntana</u><br><br>L-istokkijiet tal-lingwata u tal-barbun tat-tbajja' fil-Baħar tat-Tramuntana huma t-tnejn f'limiti bijoloġiċi siguri u ilhom hekk għal numru ta' snin. Ir-regoli dwar it-tieni stadju tal-pjan pluriennali għal dawn l-istokkijiet huma issa, għalhekk, applikabbli. Il-Kummissjoni issa qed taħdem mal-Istati Membri u l-korpi xjentifiċi rilevanti fuq l-iżvilupp ta' proposta ġdida għal pjan dwar is-sajd imħallat fil-Baħar tat-Tramuntana li għandu jinkludi l-istokkijiet tal-lingwata u l-barbun tat-tbajja' fil-Baħar tat-Tramuntana, li huwa mistenni li jiġi ppreżentat fil-futur qarib issa li ġew konklużi d-diskussjonijiet tat-task force mwaqqfa bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar pjanijiet plurienali.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kapaċità tal-IOTC - Anness VI tar-regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd**<br>Wieħed mill-bastimenti tas-sajd Franċiżi awtorizzat li jistad għal tonn tropikali fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC), bil-kapaċità ta' 2,137 tunnellata gross (TG), jista' jerġa' jingħata l-bandiera tal-Italja matul l-2015. Għalhekk, mingħajr preġudizzju għall-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għandha tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni korrispondenti minn Franza u tiġi ttrasferita għall-Italja, ladarba l-bastiment inkun reġa' ngħata l-bandiera tal-Italja. | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/106 tad-19 ta' Jannar 2015 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2015 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta’ stokkijiet tal-ħut fil-Baħar l-Iswed<br>ĠU L 19, 24.1.2015, p. 8-11 | 16422/1/14 REV 1 |

| It-3365 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) li saret fi Brussell fis-26 ta' Jannar 2015 | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/200 tas-26 ta’ Jannar 2015 li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni 2014/170/UE li tistabbilixxi lista ta’ pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat fir-rigward tas-Sri Lanka<br>ĠU L 33, 10.2.2015, p. 15-18 | 5035/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati f’isem l-Unjoni Ewropea għat-tiġdid tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u r-Repubblika ta’ Kiribati, min-naħa l-oħra | 5059/15 |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni tqis li mhux meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi legali sostantiva. | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/137 tas-26 ta' Jannar 2015 li ġġedded il-mandat tal-Viċi President tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinji) u dak ta' żewġ Presidenti tal-Bordijiet ta' Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinji)<br>ĠU L 23, 29.1.2015, p. 17-18 | 5023/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/146 tas-26 ta' Jannar 2015 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Islanda, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Islanda fit-twettiq konġunt tal-impenji tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Islanda għat-tieni perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima<br>ĠU L 26, 31.1.2015, p. 1-2 | 10881/14 |

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni ma taqbilx mad-dikjarazzjoni espressa fil-premessa 10(bis). Mhuwiex minnu li l-Unjoni ma għandha l-ebda responsabbiltà, jew għandha responsabbiltajiet sempliċiment "sekondarji", għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fil-livell internazzjonali. L-Unjoni hija Parti għall-UNFCCC u l-Protokoll ta' Kjoto, fejn hija intrabtet bil-liġi li tnaqqas l-emissjonijiet bi sforz konġunt bejn l-Istati Membri tagħha u l-Islanda. Ir-responsabbiltà tal-Unjoni biex tnaqqas l-emissjonijiet minn sorsi koperti mid-Direttiva ETS, kif stipulat fil-kondizzjonijiet tat-twettiq konġunt, tirrifletti l-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha fi kwistjonijiet bħal dawn fil-leġislazzjoni domestika. Ir-responsabbiltà tal-Istati Membri tikkonċerna biss it-tnaqqis tal-emissjonijiet f'setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS. | |
| Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/118 tas-26 ta' Jannar 2015 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire<br>ĠU L 20, 27.1.2015, p. 87-87 | 5288/15 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2015/109 tas-26 ta’ Jannar 2015 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d’Ivoire<br>ĠU L 20, 27.1.2015, p. 4-5 | 5289/15 |
| **Proċeduri bil-miktub li ġew konklużi fis-26 ta' Jannar 2015** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2015/108 tas-26 ta' Jannar 2015 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja<br>ĠU L 20, 27.1.2015, p. 2-3 | 5286/15 |
| Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/117 tas-26 ta' Jannar 2015 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja<br>ĠU L 20, 27.1.2015, p. 85-86 | 5285/15 |

<table>
<tr><th colspan="4">It-3366 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) li saret fi Brussell fis-27 ta' Jannar 2015</th></tr>
<tr><td colspan="4">ATTI LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td>ATT</td><td>DOKUMENT</td><td>REGOLA TAL-VOT</td><td>VOTI</td></tr>
<tr><td>Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/121 tas-27 ta' Jannar 2015 li temenda d-Direttiva 2011/96/UE dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti<br>ĠU L 21, 28.1.2015, p. 1-3</td><td>16633/15</td><td>B’unanimità</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kunsill<br>Meta japplikaw id-dispożizzjoni kontra l-abbuż fid-Direttiva 2011/96/UE, l-Istati Membri għandhom jistinkaw biex jinfurmaw lil xulxin, skont l-istrumenti legali eżistenti tal-UE, meta l-informazzjoni tista' tkun utli għall-Istat Membru l-ieħor.<br><br>Dikjarazzjoni mill-Kunsill<br>Il-Kunsill ser jieħu inkonsiderazzjoni d-dispożizzjoni kontra l-abbuż fid-Direttiva 2011/96/UE fil-ħidma futura tiegħu dwar dispożizzjoni possibbli kontra l-abbuż li għandha tiġi inkluża fid-Direttiva 2003/49/KE.<br><br>Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br>Il-Kummissjoni tikkonferma li l-emendi proposti għall-Artikolu 1, paragrafu 2 tad-Direttiva dwar il-Kumpaniji Prinċipali u Sussidjarji mhumiex maħsuba biex jaffettwaw sistemi nazzjonali ta' eżenzjoni mill-parteċipazzjoni sakemm dawn ikunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat.</td></tr>
<tr><td>Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/5/KEE dwar assistenza lill-Kummissjoni u kooperazzjoni mill-Istati Membri fl-eżami xjentifiku ta’ kwistjonijiet dwar l-ikel (l-ewwel qari)</td><td>94/14</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="4">ATTI MHUX LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td colspan="2">ATT</td><td colspan="2">DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET</td></tr>
<tr><td colspan="2">Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/159 tas-27 ta' Jannar 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2532/98 dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet<br>OJ L 27, 3.2.2015, p. 1-6</td><td colspan="2">5067/15</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/156 tas-27 ta' Jannar 2015 li testendi l-perjodu ta' validità tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/232/UE li tawtorizza lir-Rumanija biex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikolu 26(1)(a) u mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 26, 31.1.2015, p. 27-28 | 17081/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/178 tas-27 ta' Jannar 2015 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fis-Sottokumitat Sanitarju u Fitosanitarju, is-Sottokumitat Doganali u s-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi stabbiliti permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tas-Sottokumitat Sanitarju u Fitosanitarju, is-Sottokumitat Doganali u s-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi rigward ir-Regoli ta' Proċedura tagħhom<br>ĠU L 30, 6.2.2015, p. 20-37 | 5169/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/201 tas-27 ta' Jannar 2015 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan is-Sottokumitat Sanitarju u Fitosanitarju, is-Sottokumitat Doganali u s-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi stabbiliti permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tas-Sottokumitat Sanitarju u Fitosanitarju, is-Sottokumitat Doganali, u s-Sottokumitat tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi dwar ir-Regoli ta' Proċedura tagħhom<br>ĠU L 33, 10.2.2015, p. 19-36 | 5162/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/155 tas-27 ta' Jannar 2015 dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat dwar il-Kummerċ fil-Prodotti stabbilit mill-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' amministrazzjoni tal-Kwota tar-Rata Tariffarja<br>ĠU L 26, 31.1.2015, p. 22-26 | 17121/14 |

| It-3369 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN), li saret fi Brussell fid-29 ta' Jannar 2015 | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ukraina | 5710/15 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/138 tad-29 ta' Jannar 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna<br>ĠU L 24, 30.1.2015, p. 1-2 | 5459/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/143 tad-29 ta' Jannar 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna<br>ĠU L 24, 30.1.2015, p. 16-16 | 5393/15 |
| **Proċeduri bil-miktub li ġew konklużi fit-30 ta' Jannar 2015** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2015/147 tat-30 ta' Jannar 2015 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 101/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija<br>ĠU L 26, 31.1.2015, p. 3-4 | 5185/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/157 tat-30 ta' Jannar 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija<br>ĠU L 26, 31.1.2015, p. 29-30 | 5184/15 |